MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1267/2011

**Ian Borg**

**vs**

**Direttur, Ufficcju Kongunt**

**Registratur tal-Artijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-konvenut Direttur Ufficcju Kongunt li permezz tieghu, talab lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzah jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu wara li kien gie dikjarat kontumaci f'din il-kawza.

Rat it-twegiba ta' Ian Borg li, ghar-ragunijiet imfissra fl-istess twegiba, oppona.

Il-principji regolatorja f'materja ta' kontumacja huma ben noti. Gew kostantement elenkati minn dawn il-Qrati bhala s-segwenti:

> *" (a) il-kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaci; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun żball invinzibbli b'mod li (g) l-impediment legittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża taghha irid ikun dik li bnadi ohra ssejhet bhala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (h) li l-impossibilita' li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eccezzjonalment biss, wahda morali."*

(Ara Waldonet vs Thake (3 ta' April 2003) u r-rassenja ta' gurisprudenza hemm citata fir-rigward).

Fil-kaz in ezami, l-konvenut jaghti bhala raguni ghan-nuqqas tieghu li jikkontesta l-kawza l-fatt li, meta gie notifikat bl-att promotur tal-kawza, dan gie rregistrat bhala "*miscellaneous*" u ghalhekk ma nghatax l-attenzjoni li kellu jinghata bil-prezentata ta' risposta guramentata.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn ic-cirkostanzi ma jwassluhiex biex tiggustifika n-nuqqas tal-istess konvenut. Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza Delceppo vs Bondin (7 ta' Marzu 1994):

> *"il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri mposti mil-ligi, jonqos li jaghmel l-arrangamenti necessarji, fid-dar u fil-post tax-xogol, biex jaslu ghandu l-ittri registrati li jaslulu, jew meta jaghmel dawk l-arrangamenti imbaghad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni ohra, u li jridu jigu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ."*

Il-konvenut f'din il-kawza m'huwiex xi persuna sajma mill-process gudizzjarju. Huwa kap ta' dipartiment governattiv li kellu kull obbligu li jipprovdi sistema effettiva sabiex nuqqasijiet ta' din ix-xorta ma jsehhux. Kien dover tieghu li jharreg lil kull persuna li tircevi dokument f'ismu sabiex din taghraf is-siwi ta' kull dokument imholli f'idejha.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt.

L-ispejjez ta’ din l-incident jithallsu mill-istess Direttur tal-ufficcju Kongunt.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------